# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 31**

**Rikors numru 76/12/1 SM**

**Phyllis Fenech u Daniel Cutajar**

**v.**

**George Cutajar, Maurice Cutajar u Rita Aquilina**

**Preliminari:**

1. Fit-2 ta' Ġunju 2011 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-konvenuti sabiex dawn jersqu għal-**likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat** dovut lilhom fuq il-beni ta' Giuseppe Cutajar. Peress li baqgħu ma waslux, fl-24 ta' Jannar 2012 l-atturi intavolaw din il-kawża fejn talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tillikwida l-imsemmi sehem riżervat dovut lilhom mill-beni ta' Giuseppe Cutajar u tordna lill-konvenuti jħallsuhom is-

somma hekk likwidata, bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, u bl-imgħaxijiet ta' 8% skont l-Art. 615(2) tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenuti.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-10 ta' April 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi, ikkalkulat is-sehem riżervat spettanti lill-atturi fl-ammont ta' €56,930.21 bl-imgħax ta' 8% mit-8 ta' Ġunju 2011 (id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali) u ordnat lill-konvenuti George u Maurice Cutajar iħallsuhom tali ammont. (Il-konvenuta l-oħra Rita ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju). Bħala spejjeż ordnat li dawn kellhom jitħallsu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti George u Maurice aħwa Cutajar.

3. Fis-27 ta' April 2018 l-atturi interponew **appell prinċipali** minn tali sentenza tal-10 ta' April 2018 fejn talbu lil din il-Qorti:

> *"…tirriforma s-sentenza appellata….billi filwaqt li tħassar il-paragrafi 31.3.2, 31.3.3, u 31.3.4 in kwantu permezz tiegħu l-Ewwel Qorti illikwidat is-sehem tar-rikorrenti fis-somma ta' €56,930.21, u l-paragrafu 31.3.7 in kwantu l-istess Qorti ordnat lill-esponenti jħallsu nofs l-ispejjeż ta' din il-proċedura, tiddikjara minflok li l-valur komplessiv tal-assi ereditarji ta' Giuseppe Cutajar huwa €1,389,069.56…..u li s-sehem riżervat dovut lil kull wieħed mill-esponenti jammonta għal €138,906.95….., u tikkonfermaha għall-bqija. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati, jew min minnhom."*

4. Fit-22 ta' Mejju 2018, wara li l-konvenuti George u Maurice Cutajar wieġbu għall-appell tal-atturi, interponew **appell inċidentali** mhux biss mis-sentenza tal-10 ta' April 2018, iżda wkoll minn erba' digrieti mogħtija (i) fit-18 ta' Ottubru 2013, (ii) fit-18 ta' Diċembru 2013, (iii) fid-9 ta' Jannar

<u>2015</u>, u (iv) fit-<u>30 ta' Settembru 2016</u>, fejn talbu lil din il-Qorti:

> *"…tiċħad l-appell interpost mill-atturi, tirrevoka d-digrieti tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f' din il-kawża tat-18 ta' Ottubru 2013, tat-18 ta' Diċembru 2013, tad-9 ta' Jannar 2015 u tat-30 ta' Settembru 2016, u b'hekk tnaqqas mill-komputazzjoni tal-leġittima kull donazzjoni li setgħet saret, moħbija jew fid-deher, mill-missier lill-leġittimarji, u b'hekk tiddikjara li l-valutazzjoni tad-donazzjonijiet magħmula kellha ssir fuq bażi tad-data meta saret id-donazzjoni u li l-perit ex parte tal-intimat kien ammissibbli bħal prova u b' hekk tirriforma s-sentenza ….billi tillikwida l-leġittima favur l-atturi fl-ammont inferjuri għal dak likwidat u tordna li l-ebda imgħax ma għandhom jgħaddu fuq l-ammont hekk likwidat jew tistabbilixxi fid-diskrezzjoni tagħha rata ta' imgħax inferjuri għal dik stabbilita mill-ewwel Onorabbli Qorti u dan għas-spejjeż tal-atturi appellanti."*

5. Għal intendiment aħjar tal-fuq imsemmija appell prinċipali u appell inċidentali din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

> 6. "Il-Qorti,
>
> 1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponew s-segwenti;
>
> 1.1. Illi r-rikorrenti Phyllis Fenech hi oht l-intimati, ilkoll ulied Giuseppe u Maria Stella konjugi Cutajar;
>
> 1.2. Illi r-rikorrenti Daniel Cutajar jigi iben il-mejjet Emanuel Cutajar li kien hu il-kontendenti l-ohra u li kien miet fit-23 t'April, 1988;
>
> 1.3. Illi l-imsemmi Giuseppe Cutajar kien miet fiz-17 t'Ottubru, 2007;
>
> 1.4. Illi l-imsemmi Giuseppe Cutajar kien ghamel erba' (4) testmenti unica charta ma l-imsemmija martu, li bihom halla diversi legati u innomina lir-rikorrenti Phyllis Fenech u lill-intimati bhala eredi universali, f'ishma ndaqs, u sehem rizervat lil Daniel Cutajar;
>
> 1.5. Illi b'nota datata l-25 ta' Mejju, 2011, ir-rikorrenti Fenech irrinunzjat ghas-successjoni ta' missierha u zammet il-jedd ghas-sehem rizervat, (ara foll 17);
>
> 1.6. Illi b'ittra ufficjali datata t-2 ta' Gunju, 2011, ir-rikorrenti

interpelaw lill-intimati biex jaghtuhom rendikont tal-beni tal-mejjet Giuseppe Cutajar u jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem rizervat, bl-ispejjez, (ara foll 18);

1.7. Illi nonostante dan l-intimati baqghu inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt ghas-sehem rizervat lilhom bil-ligi fuq il-beni tal-mejjet Giuseppe Cutajar, konsistenti f'parti wahda minn ghaxar partijiet, (1/10), indiviza tal-imsemmija beni[1];

1.8.2. Tillikwida l-beni tal-mejjet Giuseppe Cutajar okkorrendo bin-nomina ta' perit nominand;

1.8.3. Tillikwida s-sehem rizervat bil-ligi favur kull wiehed u wahda mir-rikorrenti u lilhom dovut mill-intimati, mill-beni tal-mejjet Giuseppe Cutajar;

1.8.4. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat u dovut;

1.8.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-2 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 20);

3. Rat ir-risposta tal-intimata Rita Aquilina datata t-22 ta' Frar, 2012, li permezz taghha irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi mhix il-legittimu kontraditur stante li m'accettatx il-wirt ta' missierha u li irrinunzjat ghall-istess wirt, (ara foll 29);

3.2. Illi hi zammet biss il-jedd ghas-sehem rizervat;

3.3. Illi ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

---

[1] Il-kliem eżatt tal-ewwel talba huwa kif isegwi :
*"Tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponenti Phyllis Fenech u Daniel Cutajar għandhom jedd għas-sehem riżervat (spettanti) lilhom bil-liġi fuq il-beni tal-mejjet Giuseppe Cutajar konsistenti f' parti waħda minn għaxar partijiet (1/10) indiviżi tal-imsemmija beni* ***kull wieħed u waħda minnhom"*** (enfasi ta' din il-qorti).

4. Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra datata s-27 ta' Frar, 2012, li permezz taghhom sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

4.1. Illi m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li r-rikorrenti jinghataw il-porzjon rizervat, purche` jsir skont il-ligi fl-interess ta' kulhadd;

4.2. Illi qabel xejn ir-rikorrenti huma obbligati jgibu fil-massa ereditarja dak li gia` ircevew minghand id-decuius;

4.3. Illi l-kwota li r-rikorrenti qed jippretendu mhix dik lilhom dovuta;

4.4. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, appuntat perit tekniku biex jistma l-proprjeta` involuta, (ara foll 72);

6. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 378);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali talpartijiet, (ara foll 401);

Ikkunsidrat:

10. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti Phyllis Fenech hi wahda minn hamest (5) ulied ta' Giuseppe Cutajar li kien miet fiz-17 t'Ottubru, 2007, (ara foll 5);

10.2. Illi r-rikorrenti Daniel Cutajar hu iben Emanuel, iben l-imsemmi Giuseppe Cutajar u hu r-rikorrenti Phyllis Fenech u l-intimati l-ohra;

10.3. Illi Giuseppe Cutajar kien mizzewweg lil Maria Stella Cutajar li ghadha hajja;

10.4. Illi l-istess Giuseppe Cutajar irrediga erba' (4) testmenti, (ara foll 6);

10.5. Illi r-rikorrenti Fenech irrinunzjat ghall-wirt ta' missierha permezz ta' nota ta' rinunzja datata l-25 ta' Mejju, 2011, (ara foll 17);

10.6. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-2 ta' Gunju, 2011, ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati biex:

10.6.1. Jaghtuhom rendikont tal-beni ta' Giuseppe Cutajar; u

10.6.2. Ihallsuhom is-sehem rizervat;

10.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti;

Ikkunsidrat:

11. Illi minn analizi tal-atti jirrizulta li l-beni tad-decuius Giuseppe Cutajar kienu s-segwenti:

11.1. Flus Kontanti:

11.1.1. Lm1,978.43 fil-bank HSBC, (ara foll 190);

11.1.2. Lm6,221.48 fil-bank BOV, (ara foll 223);

11.2. Proprjeta` Immobbli:

11.2.1. Nofs indiviz tal-art ta' zewg (2) garaxxijiet u l-arja sovrapposta fi Sqaq Ghirghien, Triq il-Papa, Birzebbugia, li inghataw b'donazzjoni lill-intimati George Cutajar u Maurice Cutajar, filwaqt li l-arja inghatat b'donazzjoni lill-intimata Rita Aquilina;

11.2.2. Nofs indiviz ta' gnejna retropposta ghad-djar "Ritearm", "Shalom", u "Newcastle", fi Sqaq Ghirghien, Triq il-Papa, Birzebbugia, flimkien mal-passagg li jmiss mad-dar tar-rikorrenti Phyllis Fenech;

11.2.3. Dar, "Stella House", bil-garaxx anness, fi Sqaq ta' Ghirghien, Triq tal-Papa, Birzebbugia, inkluz il-gnejna u ghalqa retropposti;

11.2.4. Plot fabbrikabbli fi Sqaq Ghirghien, Triq tal-Papa, Birzebbugia imiss ma "Stella House", tal-kejl ta' circa 185 metri kwadri;

11.2.5. Plot fabbrikabbli iehor fl-imsemmi sqaq ta' circa 185 metri kwadri ohra;

12. Illi r-rikorrenti ma jaqblux mal-valutazzjoni espressa mill-perit

tekniku nominat mill-qorti ghall-"Stella House" u ghaz-zewg (2) plots fabbrikabbli adjacenti ghaliha u intavolaw valutazzjoni separata;

13. Illi l-intimati jaqblu mal-valutazzjoni intavolata mill-perit nominat mill-qorti;

Ikkunsidrat:

14. Illi essenzjalment din il-procedura hi intiza biex jigi determinat is-sehem rizervat dovut skont il-ligi lir-rikorrenti wara l-mewt ta' Giuseppe Cutajar;

15. Illi l-intimati George u Maurice Cutajar eccepew li m'ghandhomx oggezzjoni li l-istess rikorrenti jinghataw is-sehem rizervat lilhom dovut sakemm dan jigi determinat skont il-ligi, (ara foll 33);

16. Illi pero` l-istess intimati indikati fil-paragrafu precedenti jissottolinejaw li qabel isir dan, ir-rikorrenti ghandhom jgibu lura fil-massa ereditarja dak kollu li kienu ircevew qabel minghand l-imsemmi decuius;

17. Illi di piu` jissottolineaw ukoll li l-kwota dovuta lir-rikorrenti ghandha tigi komputata fuq tliet kwarti (3/4) biss mill-gid tad-decuius stante li l-kwart (1/4) l-iehor hu dovut lill-armla superstiti;

Ikkunsidrat:

18. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Nazzarena Sciberras et vs. Joseph Schembri, datata t-30 ta' Jannar, 2014,** fejn jigi kkwotat l-awtur Taljan Torrente fil-"*Manuale del Diretto Civile Italiano":*

"Per determinare l'ammontare della quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:

a) alla formazione della massa di tutti i beni che appartenevano al defunto all'epoca della sua morte;

b) alla detrazione dei debiti;

c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."

*"Jghid ukoll li ai fini tar-riunione fittizia "si calcolano i valori dei veni che appartenevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir-relictum – cio che e` stato lasciato). Dalla somma stess si detraggono i debiti .... Al risultato cosi` ottenuto si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente dispose in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi` formato si*

*calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)";*

Ikkunsidrat:

19. Illi d-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-procedura odjerna huma l-artiklu 615, 616, u 620 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 16);

20. Illi l-artiklu 615 fuq riferit jistipula s-segwenti:

*"(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mill-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj;*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn;*

*Izda l-qorti tista', fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139;*"

21. Illi s-sehem tal-legittima f'dan il-kaz jirrizulta li hu ta' 1/5 tal-valur tal-beni tad-decuius u dan stante li n-numru ta' ulied l-istess decuius huma hamsa (5) senjatament, Phyllis, George, Maurice, Rita u Emmanuel, tal-ahhar miet qabel missieru Giuseppe;

22. Illi ghalhekk, a bazi tal-artiklu 616 tal-Kap 16, lir-rikorrenti jispetta porzjon ta' nofs (1/2) minn kwint (1/5), ammontanti ghal sehem minn ghaxra, (1/10), tal-massa ereditarja;

23. Illi a bazi tal-artiklu 631 tal-Kap 16 jekk id-decuius ihalli tfal jew dixxendenti ohra, is-superstiti minn fost il-mizzewgin ghandu jedd ghal kwart (1/4) tal-valur tal-beni tad-decuius;

Ikkunsidrat:

24. Illi minn ezami tal-valur tal-massa ereditarja rilaxxata mid-decuius jirrizulta li gew ipprezentati zewg (2) valutazzjonijiet fir-rigward, wahda ta' perit ex parte u ohra ta' perit tekniku appozitament nominat minn din il-qorti ghal dan il-ghan;

25. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

25.1. Perit Tekniku nominat mill-Qorti:

25.1.1. Il-gid li minnu ddispona d-decuius permezz ta' donazzjoni

jammonta komplessivament ghal €245,000.00, (ara foll 93 sa 98);

25.1.2. Il-valur komplessiv tal-massa ereditarja tad-decuius jammonta ghal €759,069.56, (ara foll 93 sa 98);

25.2. Perit ex parte:

25.2.1. Il-gid li minnu ddispona d-decuius permezz ta' donazzjonijiet jammonta komplessivament ghal €280,000.00;

25.2.2. Il-valur komplessiv tal-massa ereditarja tad-decuius jammonta ghal €1,389,069.56, (ara foll 171);

Ikkunsidrat:

26. Illi fir-rigward tal-valutazzjoni peritali ssir referenza ghas-sentenza **tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Mark Farrugia et vs. Michael Arthur Williams, datata t-28 ta' Jannar, 2005** li qalet is-segwenti:
*"... ghalkemm ir-rapport tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizzio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi irragjonevoli. Il-qorti m'ghandiex tiskarta l-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappricciuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata" u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika";*

Ikkunsidrat:

27. Illi f'dan ir-rigward tosserva li ghalkemm ir-rikorrenti jsosstnu li ma jaqblux mal-konkluzzjonijiet peritali, jirrizulta li ma talbux il-hatra ta' periti addizzjonali;

28. Illi filwaqt li tiddikjara li hadet in konsiderazzjni tal-artiklu 681 tal-Kap 12, tiddikjara wkoll qed tadotta l-konkluzzjonijiet peritali kif inkluzi fir-relazzjoni tal-espert tekniku minnha nominat f'dan ir-rigward;

29. Illi *di piu`,* jigi wkoll sottolineat li l-istess konkluzzjonijiet javvicinaw dawk il-valutazzjonijiet li wasslet ghalihom il-perit Rita Sant li hi uzat ghall-finijiet tad-denunzja relattiva, (ara foll 347);

30. Illi ghaldaqstant qed tigi skartata l-valutazzjoni rilaxxata mill-perit *ex parte* fuq riferita;

Ikkunsidrat:

31. Illi in vista tal-premess jigi stabbilit is-segwenti:

**DECIDE:**

31.1. Illi jigu respinti r-risposti tal-intimati;

31.2. Illi takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

31.3. Illi l-komputazzjoni tas-sehem rizervat issir bil-mod segwenti:

31.3.1. Illi s-sehem rizervat favur ir-rikorrenti fuq il-gid ta' Giuseppe Cutajar jammonta ghal decima parti (1/10) indiviz;

31.3.2. Illi l-legittima tinhadem fuq is-sehem tad-decuius, senjatament wara li jitnaqqas il- kwart (1/4), li hu s-sehem tal-armla superstiti, u dan, a bazi tal-artiklu 631 tal-Kap 16 fuq citat;

31.3.3. Illi b'hekk, mill-valur komplessiv ta' €759,069.56 jitnaqqas kwart (1/4) ekwivalenti ghal €189,767.39, biex b'hekk jifdal €569,302.17;

31.3.4. Illi konsegwentement s-sehem tar-rikorrenti jammonta ghal €56,930.21, flimkien mal- imghax legali ta' 8% mid-data tan-notifika tal- ittra ufficjali (t-8 ta' Gunju, 2011), (ara foll 19), sad-data tal-pagament effettiv;

31.3.5. Illi tilqa' r-risposta tal-intimata Rita Aquilina u konsegwentement tiddikjarha li mhix il- legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u allura tillibera mill-osservanza tal-gudizzju;

31.3.6. Tiddikjara ghalhekk li l-ammont dovut lir- rikorrenti fuq determinat ghandhom jithallsu mill-intimati George u Maurice ahwa Cutajar;

31.3.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu ugwalment bejn ir-rikorrenti fuq naha u l- intimati George u Maurice ahwa Cutajar fuq l- ohra.

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi (27.04.2018):</u>**

7. L-aggravji tal-atturi fir-rigward tas-sentenza tal-10 ta' April 2018, in suċċint, jirrigwardaw is-segwenti punti:

(i) <u>Valutazzjoni tal-immobbli:</u>

Huma jilmentaw bil-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-valutazzjoni tal-proprjetà li għamel il-perit tekniku Mario Cassar u skartat dik magħmula mill-perit *ex parte* tagħhom Stephen Psaila.

(ii) <u>Komputazzjoni tal-valur tal-assi ereditarji:</u>

Jilmentaw ukoll bil-fatt li l-Ewwel Qorti żbaljat meta fil-komputazzjoni tal-assi ereditarji ta' Giuseppe Cutajar għall-finijiet tas-sehem riżervat:

- ħalliet barra l-assi likwidi tiegħu ekwivalenti għal €19,069.56;

- naqqset il-kwota ta' ¼ (kwart) indiviż mill-valur tal-assi tiegħu (ċjoè is-sehem tal-armla) u ħadmet is-sehem riżervat tal-atturi fuq il-kumplament;

- ma ddikjaratx biċ-ċar li l-kwota ta' 1/10 hija spettanti lil <u>kull wieħed</u> mill-atturi (u mhux lill-atturi flimkien).

(iii) <u>Spejjeż ġudizzjarji:</u>

Finalment jilmentaw bil-fatt li l-Ewwel Qorti akkollatilhom nofs l-ispejjeż,

inkluż dawk tal-konvenuta Rita Aquilina.

**Risposta tal-appell u appell inċidentali tal-konvenuti George u Maurice Cutajar (22.05.2018):**

8. Il-konvenuti George u Maurice Cutajar, barra li wieġbu biex jgħidu li l-aggravji tal-atturi appellanti għandhom jiġu riġettati, interponew appell inċidentali kemm mis-sentenza tal-10 ta' April 2018 kif ukoll minn erba' digrieti mogħtija fil-mori tal-kawża.

(a) Appell mid-digrieti:

9. Il-konvenuti qegħdin jappellaw mill-erba' digrieti li bihom ġew miċħuda is-segwenti erba' rikorsi tagħhom (rispettivament):

(i) Ir-rikors tat-23 ta' Lulju 2013[2] li permezz tiegħu il-konvenuti qalu li mhux qegħdin jaqblu mal-lista ta' proprjetajiet li ppreżentaw l-atturi għaliex sostnew li hemm proprjetà oħra li kienet ġiet ittrasferita b'ċens perpetwu ta' Lm5 fis-sena u li skont huma il-kuntratt ta' trasferiment kien simulazzjoni u fir-realta` kien donazzjoni. Għalhekk talbu lill-Qorti tagħti direzzjoni lill-perit tekniku sabiex jistma tali proprjetà ukoll. Dan ir-rikors ġie miċħud fl-18 ta' Ottubru 2013 għar-raġunijiet mogħtija fir-

[2] Fol 75

risposta.

(ii) Ir-rikors tas-6 ta' Diċembru 2013[3] li permezz tiegħu il-konvenuti talbu lill-Qorti sabiex tagħti direzzjoni lill-Perit Tekniku biex il-proprjetà mogħtija lil George Cutajar fl-1997 b'donazzjoni tiġi stmata skont il-valur ta' meta saret id-donazzjoni skont Art. 648(b) tal-Kap 16. Dan ir-rikors ġie miċħud fit-18 ta' Diċembru 2013 għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta.

(iii) Ir-rikors tas-27 ta' Frar 2014[4] li permezz tiegħu il-konvenuti għamlu l-istess talba bħal fir-rikors tas-6 ta' Diċembru 2013. Dan ir-rikors ġie miċħud fid-9 ta' Jannar 2015 in vista tar-risposta tal-atturi.

(iv) Ir-rikors tal-31 ta' Awwissu 2016[5] li permezz tiegħu il-konvenuti talbu li taċċetta x-xiehda tagħhom konsistenti fir-relazzjoni tal-perit *ex parte* Ian Cutajar. Dan ir-rikors fit-30 ta' Settembru 2016 ġie miċħud in vista tar-risposta tal-atturi.

(b) Appell mis-sentenza:

10. L-aggravji tal-konvenuti George u Maurice fir-rigward tas-sentenza

[3] Fol 83
[4] Fol 119
[5] Fol 326

tal-10 ta' April 2018 huma s-segwenti:

(i) il-ġid mogħti lilhom b'donazzjoni kellu jiġi valutat skont il-valur li kellu fid-data tad-donazzjoni u mhux fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni;

(ii) fil-kalkolazzjoni tal-ishma riservati lill-atturi kellhom jiġu kkunsidrati (1) is-somma ta' Lm8,000 li l-attur Daniel Cutajar irċieva mingħand id-*decuius*; u (2) id-donazzjoni "moħbija" li l-attriċi ħadet mingħand missierha;

(iii) l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundanna lill-konvenuti iħallsu imgħax fuq is-sehem riservat likwidat;

(iv) l-Ewwel Qorti messha ammettiet jixhed lill-perit *ex parte* tagħhom Ian Cutajar, liema perit xtaq iġib a konjizzjoni tagħha stima, kif għamel il-perit *ex parte* tal-atturi Stephen Psaila.

**<u>Risposta tal-atturi appellanti għall-appell inċidentali tal-konvenuti appellati (13.06.2018)</u>:**

11. L-atturi appellanti wieġbu biex jgħidu għaliex l-aggravji li ressqu l-konvenuti fl-appell inċidentali tagħhom huma infondati u għandhom jiġu miċħuda.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Sfond:**

12. Id-*decuius* Giuseppe Cutajar u martu l-armla Maria Stella Cutajar kellhom ħamest itfal:

- Phyllis Fenech
- Maurice Cutajar
- Emanuel (li miet fl-1988, u ħalla warajh lil ibnu Daniel Cutajar)
- George Cutajar
- Rita Aquilina.

13. Il-konjuġi Cutajar kienu għamlu erba' (4) testmenti *unica charta*:

(i) permezz tat-testment tat-3 ta' Jannar 1981[6] fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-konjuġi Cutajar ħallew lil min imut l-ewwel minnhom l-

[6] Fol 37 et seq

użufrutt ġenerali, u innominaw bħala l-eredi il-ħamest (5) uliedhom;

(ii) permezz tat-testment tal-31 ta' Mejju 1988[7] fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-konjuġi Cutajar ħassru dik il-parti tat-testment preċedenti fejn kienu innominaw lil Emanuel bħala wieħed mill-ħames eredi universali[8] u ddikjaraw li l-eredi universali tagħhom huma l-erba' (4) ulied (rimanenti) tagħhom, ċjoè Phyllis, Maurice, George u Rita. Lil Daniel Cutajar, bin Emanuel, ħallewlu l-leġittima;

(iii) permezz tat-testment tal-25 ta' Ġunju 1999[9] fl-atti tan-nutar Philip Said, il-konjuġi Cutajar ħallew bi prelegati proprjetajiet lill-erba' uliedhom: lil Phyllis, Maurice u Rita, tliet porzjonijiet raba' kull wieħed, u lil Maurice u lil George, id-dar "Stella" bil-ġnien magħha.

(iv) permezz tat-testment tal-11 ta' Marzu 2004[10] fl-atti tan-Nutar Philip Said, il-konjuġi Cutajar ħassru dik il-parti tat-testment tal-1999 fejn taw biċċa art lill-attriċi b'titolu ta' prelegat u minflok ħallewha lil George Cutajar.

14. Fis-17 ta' Ottubru 2007 miet il-missier, Giuseppe Cutajar.

[7] Fol 39 *et seq*
[8] Emanuel fil-frattemp kien miet fit-23 ta' April 1988 (ara affidavit ta' ibnu, fol 175 et seq)
[9] Fol 41 *et seq*
[10] Fol 44 *et seq*

15. Permezz ta' nota ta' rinunzja ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2011[11] fil-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja, l-attriċi Phyllis Fenech irrinunzjat għall-wirt ta' missierha iżda żammet id-dritt għas-sehem riservat u kull sehem ieħor tal-beni ta' missierha spettanti lilha skont il-liġi.

16. Fl-24 ta' Jannar 2012 l-attriċi Phyllis Fenech née Cutajar u n-neputi tagħha Daniel Cutajar (bin ħuha l-mejjet Emanuel Cutajar) għamlu din il-kawża kontra George, Maurice u Rita Aquilina (it-tliet werrieta rimanenti tad-*decuius* Giuseppe Cutajar) għall-ħlas tas-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt tal-istess Giuseppe Cutajar.

17. Permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Frar 2012 fil-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja, (wara li kienet ġiet notifikata bil-kawża) Rita Aquilina rrinunzjat għall-wirt ta' missierha Giuseppe Cutajar iżda żammet il-jedd għas-sehem riservat u kull sehem ieħor mill-beni tiegħu spettanti lilha skont il-liġi.

18. B'hekk ġie li l-konvenuti George u Maurice biss huma l-eredi ta' Giuseppe Cutajar.

**Aggravji:**

[11] Fol 16/17

19. Din il-Qorti sejra tikkunsidra d-diversi aggravji tal-atturi u tal-konvenuti George u Maurice Cutajar fl-ordni li jidhrilha l-iktar opportun.

- **Donazzjoni moħbija:**

  - *l-aggravju tal-konvenuti dwar id-digriet tat-18 ta' Ottubru 2013, u*
  - *it-tieni parti tat-tieni (2) aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

20. Fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Lulju 2013 il-konvenuti talbu lill-Ewwel Qorti tagħti direzzjoni lill-Perit Tekniku sabiex għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riżervat tiġi stmata ukoll dik il-proprjetà li kienet mgħoddija b'ċens perpetwu ta' Lm5 fis-sena, li skont huma hija "*donazzjoni velata".* L-attriċi Phyllis Fenech fir-risposta tagħha kienet wieġbet li in kwantu t-talba tirreferi għall-porzjon art li fuqha hi u żewġha bnew ir-residenza tagħhom, ir-rikors kellu jiġi miċħud għaliex din kienet ġiet akkwistata b' titolu oneruż (ċens perpetwu) permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Nicola Said tat-18 ta' Frar 1978[12], fejn hi u żewġha dejjem ħallsu ċ-ċens u eventwalment fdewh. Abbażi ta' tali risposta l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b'dan id-digriet tal-18 ta' Ottubru 2013 u għalhekk appellaw minnu.

21. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati mis-sentenza tal-10 ta' April 2018 in kwantu jilmentaw li din l-istess proprjetà (li missierhom

---

[12] Fol 46,

għadda lill-attriċi u żewġha b'titolu ta' ċens perpetwu) kellha tittieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riservat. Hawnhekk jerġgħu jargumentaw li l-kuntratt ta' ċens perpetwu kien fil-fatt donazzjoni moħbija.

22. Din il-Qorti ma ssibx li għandhom raġun. L-attriċi u żewġha kienu fil-fatt iħallsu ċ-ċens pattwit kif jirriżulta mir-riċevuti taċ-ċens esebiti fl-atti[13] sakemm eventwalment fdewh skont il-liġi fl-2011[14]. Għaldaqstant dan l-ilment tal-konvenuti dwar l-allegata donazzjoni moħbija li kellha tiġi kkunsidrata għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riżervat, jirriżulta infondat.

- **<u>Id-"donazzjoni" ta' Lm8,000 li l-attur Daniel Cutajar allegatament ipperċepixxa mingħand id-*decuius*:</u>**

> - *L-ewwel parti tat-tieni (2) aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2015:*

23. Il-konvenuti jargumentaw li l-attur Daniel Cutajar kien ħa Lm8,000 (ekwivalenti għal €18,634.98) mingħand id-*decuius* u li għalhekk mis-sehem riservat spettanti lilu għandu jitnaqqas tali ammont.

24. <u>Daniel Cutajar</u> fl-affidavit tiegħu spjega li l-partijiet fil-kawża huma

[13] Ara kopji tar-riċevuti tal-ħlas taċ-ċens mill-1979 sal-2010 jinsabu a fol 211-221
[14] Ara kopja taċ-ċedola ta' fidi datata 7 ta' Lulju 2011, tinsab esebita fl-atti, fol 295 *et seq*

ħut missieru Emanuel Cutajar, li kien iżżewweġ u emigra lejn l-Awstralja. Qal li fl-1988, meta kellu biss tmien snin missieru miet, u hu u ommu ġew Malta. Qal li qatt ma kien viċin mal-familja ta' missieru u li meta kiber, nannuh (Giuseppe Cutajar) kien semmielu xi art li kien ittrasferixxa lil missieru u saqsih x' kien ser jagħmel biha. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li fl-24 ta' Mejju 1979 permezz ta' kuntratt[15] fl-atti tan-Nutar Nicola Said, Giuseppe Cutajar kien ittrasferixxa b'titolu ta' ċens perpetwu lil ibnu Emanuel Cutajar (missier Daniel Cutajar) biċċa art bil-kejl ta' ċirca 170mk. Iċ-ċens kien ta' Lm5.

25. Daniel Cutajar kompla jgħid fl-affidavit tiegħu li kien kellmu zijuh George Cutajar u "*qalli biex din l-art inċediha*". Qal hekk:

> *"Iz-ziju kien tani x' nifhem li dik kienet għadha mhix tiegħi għaliex kelli bżonn il-firma tagħhom biex iddur fuqi, u kien qallu wkoll li la stajt nikriha, la nbiegħa, u lanqas indaħħal barranin fiha. Niftakru jgħidli li jekk ifettilli ndaħħal il-barranin fiha, jagħmluli kawża l-Qorti. Dak iż-żmien kliem iz-ziju George kien ixxukkjani. Kont inkwetajt ħafna. Ommi ma riditx tidħol fl-istorja u jien kont waħdi u ma kellix min jiftaħli għajnejja. Billi kelli biċċa art min-naħa t' ommi, għażilt li nibni għalija fuq dik l-art u ta' missieri ħallejtha."*

26. Mill-provi jirriżulta li fl-4 ta' Ġunju 2003 sar kuntratt[16] fl-atti tan-Nutar Philip Said li permezz tiegħu ġie rexiss il-kuntratt tal-24 ta' Mejju 1979. Fuq dan il-kuntratt dehru fuq naħa waħda l-konjuġi Cutajar (nanniet ta' Daniel Cutajar) u fuq in-naħa l-oħra l-attur Daniel Cutajar u ommu Maria Cutajar illum mart Mario Mifsud. Fuq il-kuntratt ġie dikjarat li:

[15] Fol 60 *et seq*
[16] Fol 63 *et seq*

> *"…l-imsemmi enfitewta il-mejjet Emanuel Cutajar kif ukoll is-sostituti tiegħu il-komparent Daniel Cutajar u Maria mart Mario Mifsud qatt ma ħallsu ċ-ċens kif stipulat u fl-istess waqt qegħdin jiddikjaraw li ma għadhomx aktar interessati li jkomplu bl-imsemmija konċessjoni enfitewtika, il-partijiet ftehmu li jirrexxindu, jannullaw u jħassru l-imsemmi att ta' enfitewsi perpetwa tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979)."*

27. Kontroeżaminat qal li sa ħamsa u għoxrin sena (25) ma kienx jaf x'inhu ċens u li kieku kien jaf li l-affarijiet ma kienu xejn kbar (jidher li qed jirreferi għall-ammont taċ-ċens) kieku "*kont inħallashom*". Qal li ir-rexissjoni tal-kuntratt ma sarx b'mod liberu iżda fuq proposta ta' zijuh George. Qal li ħa Lm8,000 mingħand zijuh George Cutajar iżda qatt mingħand nannuh. Mistoqsi għaliex zijuh kien tah Lm8,000, wieġeb li kien il-parrinu tiegħu. Fuq suġġeriment li ċ-ċekk ta' Lm8,000 ħareġ fuq isem zijuh għaliex nannuh ma kellux *cheque book*, qal li ma jafx.

28. Il-konvenut <u>Maurice Cutajar</u> fl-affidavit tiegħu xehed li Daniel "*iddeċieda li jagħti l-art lura lil missieri permezz ta' rexissjoni"* u huwa rċieva s-somma ta' Lm,8000.

29. Il-konvenut <u>George Cutajar</u> fl-affidavit tiegħu xehed li Daniel Cutajar ta l-art lura lil nannuh u ta' dan irċieva s-somma ta' Lm8,000. Sostna li kien kiteb iċ-ċekk hu[17] għaliex missieru Giuseppe ma kellux *cheque book.* Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti[18] qal li missieru kien

[17] Kopja taċ-ċekk datat 5 ta' Ġunju 2003 esebita fl-atti a fol 310/311, minn fejn jidher li inħareġ minn George Cutajar

[18] Xiehda tat-28 ta' Marzu 2017

qabbdu jkellem lil Daniel Cutajar sabiex jara jridx iżomm l-art jew iroddha lura għal Lm6,000. Qal li Daniel dam sena jaħsibha imbagħad talab Lm10,000 u ftehmu fuq Lm8,000.

30. Maria Stella Cutajar (in-nanna ta' Daniel Cutajar) xehdet hekk:

> *"Daniel kiber, sar ġuvni u kultant kien jiġi jżurna imma tiskanta dejjem kien ta' ftit kliem, omma sa dan iż-żmien reġgħet iżżewġet u aħna bdejna ninkwetaw fuq l-art li konna tajna lil Manuel qabel ma mar l-Awstralja. Qabbadna lil George biex isaqsi lil Daniel fuq l-art jekk hux interessat li jżommha għax ma ridniex li jbiegħha lill-barranin peress li tinsab mad-dar tagħna. Għidnilu li ntuh 6,000 Lira Maltin jekk mhux interessat li jżommha biex jerġa' jgħaddiha lilna.*
>
> *Xi sena wara qalilna Daniel li kien lest li jgħaddi l-art lura u ftehmna fuq 8,000 Lira Maltin, aħna aċċettajna u tajnih 8,000 Lira Maltin fuq cheque minn ta' George u quddiem in-Nutar Philip Said saret rexissjoni tal-kuntratt li kien fuq missieru Manuel u l-art reġgħet ġiet għandna. Il-flus ma kinux dehru quddiem in-nutar, irranġajna bejnietna."*
>
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

31. Kif wieħed jista' jara l-verżjonijiet ma jaqblux. Skont il-verżjoni tal-attur Daniel Cutajar, it-Lm8,000 ingħataw minn zijuh George Cutajar għaliex hu l-parrinu tiegħu, u skont il-verżjoni tal-konvenuti it-Lm8,000 ingħataw lil Daniel Cutajar min-nanniet tiegħu talli hu u ommu rrinunzjaw għaċ-ċens. Fi kwalunkwe każ però , iż-żewġ verżjonijiet jeskludu li l-Lm8,000 (jew parti minnhom) ingħataw lil Daniel Cutajar mingħand nannuh Giuseppe Cutajar bħala donazzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex (i) fil-każ tal-verżjoni ta' Daniel Cutajar jiġi li huwa rċieva l-flus mingħand zijuh u mhux nannuh, u (ii) fil-każ tal-verżjoni tal-konvenuti (verżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti hija l-iktar waħda verosimili) jiġi li l-flus effettivament

tħallsu min-nanniet bħala kunsiderazzjoni sabiex jieħdu lura l-*utile dominju* fuq l-art in kwistjoni.

32. Fil-fatt minkejja dak dikjarat fil-kuntratt ta' rexissjoni (li Daniel Cutajar u ommu ma kinux iktar interessati ikomplu bil-konċessjoni enfitewtika) dak li jidher li sar kien li Daniel Cutajar u ommu aċċettaw li jċedu l-*utile dominju* perpetwu li kellhom fuq l-art (ħaġa li ma kellhom l-ebda obbligazzjoni li jagħmlu) għall-"prezz" ta' Lm8,000. In-nanna ta' Daniel Cutajar stess, waħda mill-firmatarji fuq il-kuntratt ta' rexissjoni, sostniet li għalkemm ma kinux dehru flus quddiem in-nutar, huma kienu ħallsu it-Lm8,000 lil Daniel Cutajar biex "*jerġa' jgħaddi l-art lilna*", ċjoè sabiex hi u żewġha (il-padruni diretti) jerġgħu jakkwistaw l-*utile dominju* u b'hekk ikollhom titolu sħiħ fuq il-proprjetà. Il-fatt li ċ-ċekk inħareġ propju l-għada li sar dan il-kuntratt ta' rexissjoni jkompli jikkonferma kemm it-Lm8,000 ma kinux jirrappreżentaw sempliċi donazzjoni, iżda għall-kuntrarju l-prezz miftiehem għar-rinunzja taċ-ċens.

33. Għalhekk assolutament mhux il-każ li dawn l-Lm8,000 jiddaħħlu fil-massa ereditarja tad-*decuius* biex eventwalment jiġu mnaqqsa mis-sehem riżervat spettanti lill-attur Daniel Cutajar.

34. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-konvenuti jirriżulta infondat.

- **Iż-żmien meta l-valur ta' donazzjoni tiġi kkalkulata:**

> "- *l-aggravju tal-konvenuti dwar id-digriet tat-18 ta' Diċembru 2013;*
>
> - *l-aggravju tal-konvenuti dwar id-digriet tad-9 ta' Jannar 2015;*
>
> - *l-ewwel (1) aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*"

35. Fiż-żewġ rikorsi tagħhom tas-6 ta' Diċembru 2013 u tas-27 ta' Frar 2014 il-konvenuti George u Maurice Cutajar kienu talbu lill-Qorti sabiex tagħti direzzjoni lill-Perit Tekniku Mario Cassar biex il-valutazzjoni tal-proprjetà trasferita lil George Cutajar permezz ta' donazzjoni bil-kuntratt tad-9 ta' Ġunju 1997[19] issir skont il-valur li kellha dak iż-żmien stess, ċjoè fl-1997, u dan, skont huma, għall-finijiet tal-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili. L-Ewwel Qorti ċaħdet tali rikorsi fit-18 ta' Diċembru 2013 u fid-9 ta' Jannar 2015 rispettivament wara li qieset ir-risposti relattivi tal-atturi. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b'dawn id-digrieti tagħha u għalhekk appellaw minnhom.

36. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati mis-sentenza tal-10 ta' April 2018 in kwantu l-Ewwel Qorti applikat il-valutazzjoni tad-donazzjoni fiż-żmien tal-mewt tad-*decuius* u mhux fiż-żmien li saret id-donazzjoni. Hawnhekk ukoll jerġgħu isostnu li dan huwa kontra l-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili.

[19] Kuntratt esebit a fol 58 *et seq*

37. L-Artikolu 648 huwa wieħed mill-artikoli li jaqgħu taħt it-titolu "*Fuq ir-Riduzzjoni tad-Dispożizzjonijiet ta' Testment li jaqbżu s-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu*". Għal intendiment aħjar tiegħu din il-Qorti ser tiċċitah flimkien mal-artikolu ta' qablu:

> *"**647**. Id-dispożizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż-żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni, iżda dan kemm-il darba t-talba tiġi magħmula fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845.*
>
> ***648.*** *Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:*
>
> *(a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;*
>
> ***(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;***
>
> *(ċ) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639."*

38. L-atturi (kemm fir-risposti tagħhom għar-rikorsi tas-6 ta' Diċembru 2013 u tas-27 ta' Frar 2014 u kif ukoll fir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tal-konvenuti) jargumentaw li dan l-**Artikolu 648(b)** japplika biss fil-każ ta' talba għar-riduzzjoni ta' dispożizzjonijiet testamentarji, u mhux ukoll fl-eżerċizzju tal-komputazzjoni tal-massa ereditarja li fuqha jiġi kkalkolat is-sehem riżervat. Ifakkru li huwa l-Artikolu 620 li jiddetermina l-mod ta' kif għandha ssir il-komputazzjoni tal-assi għall-finijiet tas-sehem riżervat. Dan l-artikolu li jaqa' taħt it-titolu "*Fuq is-Sehem Riżervat u d-Diżereditazzjoni"* jaqra hekk:

> *"620. (1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew*

*kondizzjoni.*

*(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*

*(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.*

*(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.*

*(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat."*

39. Din il-Qorti taqbel mal-atturi li billi s-sehem riżervat huwa meqjus fuq il-beni tal-mejjet fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, u billi dawn il-beni jinkludu wkoll dak li jkun ta b'donazzjoni f'ħajtu, allura kwalunkwe beni hekk regalati għandhom jiġu stmati wkoll bil-valur tagħhom fid-data tal-mewt tiegħu.

40. Dan huwa anke insenjat mill-awtur Taljan **Torrente** fil-Manuale di Diritto Ċivili: fil-fatt l-Ewwel Qorti rreferiet għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Jannar 2014[20] fil-kawża fl-ismijiet **Nazzarena Sciberras et v. Joseph Schembri** fejn ġie ċċitat dan l-awtur, li għall-finijiet tar-"*riunione fittizia"* spjega li (enfasi ta' din il-Qorti):

"..*si calcolano i valori dei beni che appartenevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir-relictum – cio che e` stato lasciato).*

[20] Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata u varjata minn din il-Qorti tal-Appell (12.07.2019) l-appell ma kienx jirrigwarda l-kwistjoni dwar iż-żmien tal-valutazzjoni tad-donazzjonijiet.

> *Dalla somma stessa si detraggono i debiti .... **Al risultato cosi` ottenuto si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola <u>secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione</u>.** Sull'asse cosi` formato si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)";*

41. L-atturi fir-risposta tagħhom jirreferu għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2018[21] fil-kawża fl-ismijiet **John Pisani v. Maria Anna sive Mary Anne Borg** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iċċitat is-segwenti spjegazzjoni mogħtija mill-Professur Caruana Galizia fuq din il-materja (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. **The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations."***
>
> *"The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due……even if the testator has exempted any of the said persons from inputting the property received on donation to their rights."*
>
> *"Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude…….".*

42. Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Dorothy Grech v. Deborah Fenech de Fremaux**,

[21] Mhux appellata

deċiża fil-5 ta' Mejju 2011[22], fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet:

> *"Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima)* ***bilfors*** *wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni….."*[23].

43. Fid-dawl tas-suespost l-ilment tal-konvenuti f'dan ir-rigward huwa infondat.

- **<u>Ir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar u r-rapport tal-perit *ex parte* tal-atturi Stephen Psaila:</u>**

*-l-ewwel (1) aggravju tal-atturi dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

44. Il-Perit Tekniku Mario Cassar ġie nominat mill-Qorti sabiex jivvaluta l-proprjetà li kellu Giuseppe Cutajar meta miet, inkluż proprjetà li kien ta b'donazzjoni.

45. Il-valur tal-proprjetà kollha tad-*decuius,* (inkluż id-donazzjonijiet) skont il-Perit Tekniku tammonta għal €740,000.

---

[22] Mhux appellata

[23] App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet **Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et** (mhix pubblikata)

| Proprjetà | Valur |
|---|---|
| ½ indiviż tal-art ta' żewġ garaxxijiet u l-arja sovvrapposta fi Sqaq Għirghien, Triq il-Papa, B'Buġia, li ngħataw b'donazzjoni lil George Cutajar u Maurice Cutajar, filwaqt li l-arja ingħatat lil Rita Aquilina | €65,000 (€130,000 ÷ 2) |
| ½ indiviż ta' ġnejna retroposta għad-djar "*Ritearm*" "*Shalom*" u "*Newcastle*" fi Sqaq Għirgħen, Triq il-Papa, B'Buġia, flimkien mal-passaġġ li jmiss mad-dar ta' Phyllis Fenech | €35,000 (€70,000 ÷ 2) |
| Dar "*Stella House*" bil-garaxx anness, fi Sqaq ta' Għirgħen, Triq il-Papa, B'Buġia, inkluż il-ġnejna u għalqa retroposti | €280,000 |
| Plot fabbrikabbli fi Sqaq Għirgħen, Triq tal-Papa, B'Buġia imiss ma' "*Stella House*" tal-kejl ta' ċirca 185mk | €180,000 |
| Plot fabbrikabbli ieħor fl-imsemmi sqaq ta' ċirca 185mk oħra | €180,000 |
| **TOTAL** | **€740,000** |

46. Il-konvenuti qablu fuq il-valutazzjonijiet li għamel il-perit tekniku. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom (apparti l-argument tagħhom li d-donazzjonijiet għandhom ikunu valutati skont il-valur ta' meta saret id-donazzjoni, kwistjoni li din il-Qorti diġà kkunsidrat, *supra*) qalu li:

> *"…l-esponenti jaqbu mal-valutazzjonijiet tal-Perit Mario Cassar maħtur mill-Qorti liema valutazzjonijiet huma viċin ħafna ta' dawk li intużaw sabiex issir id-denunzja u cioe` viċin ħafna tad-data tal-mewt ta' missier il-partijiet….*
>
> *…din l-Onorabbli Qorti għandha tibqa' fuq il-valutazzjonijiet li għamel il-Perit Mario Cassar imqabbad minnha li nnominawh l-atturi stess u ma hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex timxi fuqhom għall-kalkolu tas-sehem riżervat, liema Perit għandu esperjenza vasta kif ben taf din l-Onorabbli Qorti."*

47. L-atturi għall-kuntrarju ma qablux mal-valutazzjoni tal-perit tekniku għal dak li jirrigwarda "*Stella House*" (bil-garaxx u ġardina u għalqa) u ż-żewġ plots adjaċenti. Fin-nota tas-sottomissjonijiet spjegaw li:

> *"…ma jaqblux mal-valutazzjoni tal-perit Cassar għal "Stella House" u għaż-żewġ plots fabbrikabbli li jmissu magħha. Minħabba f' hekk huma ressqu b'xhud tagħhom il-perit AIC Stephen Psaila inkarigat minnhom ex parte, li ppreżenta relazzjoni dettaljata bl-ispjegazzjoni tal-valuri mogħtija minnu lil dawn it-tliet siti:*
>
> ***Stella House, bil-garaxx, ġiardina u għalqa stmata €840,000 għal area ta' 1272 metri kwadri fi skema ta' żewġ sulari garaxxijiet taħt l-art, u tliet sulari sovrapposti, bil-possibilita` ta' internal development, jew tliet farmhouses separati.***
>
> ***Plots adjaċenti smati li jiswew €215,000 il-wieħed**."*

48. Id-differenza bejn il-valutazzjoni tal-perit *ex parte* u dik tal-perit tekniku fir-rigward tal-imsemmija proprjetajiet meħudin flimkien għalhekk hija ta' €630,000.

49. L-Ewwel Qorti filwaqt li kkunsidrat l-Artikolu 681 tal-Kap 12 jipprovdi li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti, wara li qieset li l-atturi ma talbux il-ħatra ta' periti addizzjonali u wara li qieset ukoll li l-valutazzjoni tal-perit tekniku toqrob lejn il-valutazzjoni tal-perit Rita Sant (liema valutazzjoni ġiet ippreżentata mill-konvenuti George u Maurice Cutajar) skartat ir-rapport tal-perit *ex parte* u qagħdet fuq il-valutazzjoni tal-perit tekniku, ċjoè fuq il-valur totali ta' **€740,000.**

50. L-atturi ħassewhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti qagħdet fuq il-valutazzjoni tal-Perit Tekniku u mhux tal-perit tagħhom fir-rigward tal-imsemmija proprjetajiet. Jargumentaw li l-ispjegazzjonijiet li ta l-perit *ex parte* Stephen Psaila wara l-verifiki li għamel kellhom jikkonvinċu lill-Qorti ferm aktar mis-sempliċi dikjarazzjoni tal-Perit Tekniku fejn qal biss li

kkunsidra *"l-fatturi rilevanti bħal-lok, id-daqs, u x' jista' jiġi żviluppat skont il-local plan."* Jargumentaw kif isegwi:

> *"16. Fl-eskussjoni tiegħu il-Perit Cassar qal li l-art ta' Stella House, bil-garaxx, ġardina u għalqa flimkien, tista' tiġi żviluppata f' għoli ta' tliet sulari, sa fond ta' 12-il qasba. Qal li minħabba li tinsab okkupata, ma kkunsidrax il-possibilita` li tiġi żviluppata f' internal development. Qal li l-art qasamha f' erba' arjiet, tliet arjiet fuq xulxin li jistgħu jinbnew u l-bqija tal-art bħala arja separata, kull waħda tal-valur ta' Lm30,000 b'kollox €280,000 għall-intier. Qal li l-kriterju li uża ma kienx il-prezz kull metru kwadru, imma kemm iħallas tagħha żviluppatur biex jibni fuqha tliet appartamenti, biex ibiegħhom Lm60,000 'il wieħed. Qal li l-iżvilupp jista' jsir biss fuq circa 236.25 metri kwadri (9.45m faċċata u 25m tul) mat-triq. Skont hu, l-għalqa ta' wara d-dar ta' madwar tomna, ma tistax tiġi żviluppata, għax magħluqa minn kullimkien. Skont il-perit Cassar il-Local Plan ma jippermettix li l-għalqa tiġi żviluppata f' kumpless ta' garaxxijiet u appartamenti u kieku dan huwa permess, kien jagħmel kalkolu b' skont kemm jidħlu garaxxijiet u appartamenti.*
>
> *17. Għall-kuntrarju tal-perit Cassar, il-Perit Psaila telaq mill-fatt li "r-rata normali f' B'Bugia hija ta' elf u mija, elf u mitejn Ewro-il metru kwadru għal plots tal-Gvern. Din ir-rata tqarreb lejn dik li uża l-perit Cassar biex ivvaluta l-prezz taż-żewġ plots fabbrikabbli li jmissu ma' Stella House, u tal-garaxxijiet u t-tromba li ta lill-appellati.*
>
> *Meta ġie biex jispjega l-valur ta' Stella House, il-Perit Psaila qabel mal-Perit Cassar li din tinsab fi skema tal-bini, u tista' tiġi żviluppata f' għoli ta' tliet sulari u penthouse. Qal ukoll li, minħabba fl-estenzjoni tagħha, u wara li għamel il-verifiki bil-pjanti mal-Awtorita` tal-Ippjanar, ikkonkluda li din tista' tiġi żviluppata f' internal development ta' garaxxijiet u appartamenti, b'passaġġi interni, jew fi tliet farmhouses bi spazju mhux mibni ta' madwar 300mk. Qal li biex jagħmel tajjeb għall-ispazju moħli tal-passaġġi fl-ewwel ipotesi, u tal-ispazju mhux mibni fit-tieni ipotesi il-kalkolu tal-valur ma għamlux bir-rata ta' €1100 jew €1200 kull metru kwadru mma bir-rata ta' €660 kull metru kwadru.*
>
> *18. L-ewwel qorti ma tat ebda raġuni u lanqas spjegat il-motivazzjoni tagħha għalxiex għażlet li toqgħod fuq l-opinjonijiet tekniċi tal-Perit Cassar. Bid-dovut rispett il-Perit Cassar qeda dan l-inkarigu tiegħuħ, tant importanti għall-eżitu ta' din il-kawża u għat-twettiq tad-drittijiet tal-esponenti b'mod mill-aktar approssimattiv u żbrigattiv.*
>
> *19. Minkejja li fl-eskussjoni kien evidenti li l-perit Cassar kien jaf bil-possibilita` li Stella House bil-ġiardina u l-art fabbrikabbli annessa magħha, tiġi żviluppata f' internal development minħabba fl-estenzjoni tagħha, huwa għażel li ma jikkunsidrax dik il-possibilita` mingħajr ebda raġuni valida u lanqas ta spjegazzjoni xjentifika, jew b'xi mod ieħor*

*sorretta mill-prattika tal-periti, għall-valuri li uża u l-metodu li bih għamel il-kalkolu tiegħu.*

*20. Kwantu imbagħad għaż-żewġ plots li jmissu ma' Stella House, li l-perit Cassar stmahom bir-rata ta' €1050 kull metru kwadru, kieku stmahom bir-raġunament tiegħu tal-parti mibnija ta' Stella House, bir-rata ta' Lm30,000 kull sular li jista' jiġi żviluppat mingħajr ma jqis il-valur tal-garaxxijiet fil-basement u mingħajr ma jqis il-valur tal-penthouse, kull plot kellu jiġi stmat Lm90,000 ossia €210,000 il-wieħed, kważi kemm stmahom il-Perit Psaila."*

51. Kwantu għall-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li ma talbux periti addizzjonali jgħidu li dan m'għamluhx għaliex dehrilhom li ressqu provi aktar minn suffiċjenti dwar il-valuri reali tal-proprjetajiet tal-wirt. Ifakkru li kwalunkwe fehma ta' espert, kemm jekk ta' wieħed *ex parte* u kemm jekk ta' wieħed maħtur mill-Qorti, tibqa' dejjem prova ta' fatt. Kwantu għall-valuri mogħtija mill-perit Rita Sant (li għamlet referenza għalihom l-Ewwel Qorti) jgħidu li din ma xehditx fil-kawża u kienet inkarigata mill-konvenuti George u Maurice Cutajar biex tagħti l-valuri tal-proprjetajiet għall-finijiet tal-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni, fejn hemm l-interess li l-valutazzjonijiet ikunu baxxi.

52. Din il-Qorti l-ewwel nett tosserva li fit-18 ta' Marzu 2014 il-perit tekniku Mario Cassar ippreżenta u ħalef r-rapport tiegħu, u tlett ijiem wara, proprju fil-21 ta' Marzu 2014, l-atturi ippreżentaw nota[24] fejn talbu "*għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, in-nomina ta' periti addizzjonali*". Ftit xhur wara, tellgħu jixhed lill-Perit Stephen Psaila, li fl-2009 fuq inkarigu

[24] Fol 154

tagħhom kien ivvaluta l-proprjetajiet (u għamel rapport datat 9 ta' Novembru 2009) u fl-2014 kien ġie mitlub jikkonferma l-valuri (u għamel rapport datat 14 ta' Awwissu 2014). Jidher li l-atturi ma baqgħux jinsistu fuq in-nomina ta' periti addizzjonali; addirittura jidher li nsew li kienu talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali tant li fir-rikors tal-appell tagħhom spjegaw li "*ma talbux"* periti addizzjonali għaliex dehrilhom li l-istima u x-xiehda tal-perit *ex parte* tagħhom kienet tipprovdi prova suffiċjenti dwar il-valur tal-proprjetà.

53. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma kinitx marbuta li toqgħod fuq il-konklużjoni tal-Perit Tekniku; kienet anke libera li toqgħod fuq il-konklużjoni tal-perit *ex parte* f'każ li kienet tal-konvinċiment li din tal-aħħar kienet iktar realistika fil-valutazzjonijiet. Madanakollu tenut kont tat-teknikalità tal-materja, fejn hemm involut ukoll fattur spekulattiv, ma setax kien faċli għall-Ewwel Qorti li tapprezza jekk perit kellux iktar raġun minn ieħor. Il-mod idoneju sabiex l-atturi jikkontestaw il-valutazzjoni tal-perit tekniku speċjalment f'materja tant teknika u spekulattiva, kien ċertament dak li jkollhom ukoll valutazzjoni ta' periti addizzjonali indipendenti nominati mill-Qorti stess.

54. Kwantu għall-osservazzjoni tal-Qorti li l-valutazzjoni tal-perit tekniku hija viċin tal-valutazzjoni tal-perit Rita Sant (ċjoè il-perit li għamlet il-valutazzjoni tal-proprjetà għall-finijiet tal-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni)

u l-argument rispettiv tal-atturi fis-sens li kien fl-interess ta' min inkarigaha li l-valutazzjoni tkun baxxa (sabiex titħallas inqas taxxa), l-istess allura jista' jingħad fir-rigward tal-perit *ex parte* Stephen Psaila, li ġie inkarigat minnhom, għaliex ovvjament huwa fl-interess tagħhom li l-valutazzjoni tkun għolja (sabiex is-sehem riżervat tagħhom ikun ikbar).

55. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti assolutament ma ssibx li għandha tiċċensura d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu qagħdet fuq il-valutazzjoni tal-Perit Tekniku nominat minnha. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa infondat.

- **<u>It-talba biex jixhed Ian Cutajar, il-perit *ex parte* tal-konvenuti:</u>**

    - *l-aggravju tal-konvenuti dwar id-digriet tat-30 ta' Settembru 2016;*

    - *ir-raba' (4) aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

56. Fir-rikors tagħhom tal-31 ta' Awwissu 2016 il-konvenuti talbu li jitħallew jipproduċu ir-rapport tal-perit *ex parte* tagħhom Ian Cutajar (li huma ma kinux indikaw bħala xhud fil-lista tax-xiehda indikata minnhom); irreferew għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2014 fil-kawża fl-ismijiet **Vivendo Projects Ltd u l-Università ta' Malta et** fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet li huwa possibbli li f'kawża jitressaq bħala xhud espert *ex parte* u li sta għall-parti l-oħra jekk trid tikkontesta x-xiehda ta' tali xhud li tressaq

espert imqabbad minnha jew tinsisti li jinħatar perit tekniku indipendenti. In vista tar-risposta tal-atturi fejn enfasizzaw *inter alia* li dan ma kienx xhud dikjarat, ir-rikors tagħhom ġie miċħud mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Settembru 2016. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b' dan id-digriet u għalhekk appellaw minnu.

57. Huma ħassewhom ukoll aggravati mis-sentenza tal-10 ta' April 2018 għall-istess raġuni. Fir-raba' aggravju tagħhom jargumentaw li huma xtaqu jressqu valutazzjoni tal-perit *ex parte* tagħhom kif fil-fatt għamlu l-atturi anke biex ikun hemm parità fl-armi. Jilmentaw li għalkemm ma kinux niżżluh fil-lista tax-xiehda ħoloq żbilanċ fil-ġbir tal-provi.

58. Din il-Qorti ma ssibx li għandhom raġun. Minkejja li kellhom kull dritt iressqu perit *ex parte* bħala xhud, huma naqsu li jiddikjarawh fil-lista tax-xiehda tagħhom. Kif jargumentaw l-atturi, meta huma intavolaw il-kawża iddikjaraw lil Stephen Psaila, il-perit *ex parte* tagħhom; għalhekk meta l-konvenuti ippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom kienu jafu b'dan. Minbarra dan, il-konvenuti kienu jafu li għall-mertu ta' din il-kawża kienet ser tinħtieġ valutazzjoni tal-proprjetà tal-wirt u għalhekk jekk riedu li jkollhom "*equality of arms"* billi jressqu lill-perit *ex parte* tagħhom Ian Cutajar, messhom iddikjarawh mill-bidu, kif għamlu l-atturi. Fi kwalunkwe

każ huma fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom iddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu mal-valutazzjonijiet tal-Perit Tekniku innominat mill-Qorti.

59. Din il-Qorti ma ssibx li hija applikabbli xi waħda mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati taħt l-Artikolu 158(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex xhud li mhux dikjarat jitħalla jitressaq:

> ***"Art. 158(5)*** *Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda risposta ġuramentata li magħha ma jkunx hemm dak li huwa elenkat fis-subartikolu (3), u l-qorti ma għandha tħalli jinġieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata f'dik id-dikjarazzjoni. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala wara li tkun ġiet preżentata d-dikjarazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti tqis li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstema."*

60. Għaldaqstant l-ilment tal-konvenuti fir-rigward tat-talba tagħhom għall-produzzjoni tal-perit *ex parte* tagħhom jirriżulta infondat.

- **<u>Żbalji fil-komputazzjoni tas-sehem riservat:</u>**

    - *it-tieni (2) aggravju tal-atturi dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

61. L-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti:

- ħalliet barra mill-massa ereditarja ta' Giuseppe Cutajar l-assi likwidi tiegħu (kontijiet bankarji) ekwivalenti għal €19,069.56;

- naqqset il-kwota ta' ¼ (kwart) indiviż mill-valur tal-assi tiegħu (ċjoè is-sehem tal-armla) u imbagħad ħadmet is-sehem riżervat tal-atturi fuq il-kumplament;

- ma ddikjaratx biċ-ċar li l-kwota ta' 1/10 hija spettanti lil kull wieħed mill-atturi (u mhux lill-atturi flimkien).

62. Fir-rigward tal-kontijiet bankarji l-atturi jilmentaw hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Il-konsistenza tal-assi likwidi ta' Giuseppe Cutajar tirriżulta ċar mill-provi bankarji prodotti mill-esponenti. Għal raġunijiet li l-esponenti ma jifhmuhomx, l-ewwel qorti ħalliet barra dawn l-assi mill-komputazzjoni tal-massa ereditarja. B'kollox meta miet, Giuseppe Cutajar kellu Lm1,978.43 fil-bank HSBC u Lm6,221.48 fil-Bank BOV, ammontanti għal **€19,069.56** (Lm8,199.91)…"*

63. Il-konvenuti f'dan ir-rigward wieġbu li fin-nuqqas ta' prova ta' dak li hu parafernali jew tal-komunjoni, il-preżunzjoni hija li kollox jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti; u jgħidu li l-atturi qegħdin fil-fatt jinjoraw l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.

64. Fl-ewwel lok għandu jingħad li mhux minnu li l-Ewwel Qorti ħalliet il-flus bankarji barra mill-komputazzjoni. Hija fil-fatt żiedet l-ammont ta' **€19,069.56** (l-ekwivalenti tal-flus li kellu fil-kontijiet bankarji f' Liri Maltin) mas-somma ta' **€740,000** (it-total tal-valutazzjoni tal-proprjetà li wasal għaliha l-Perit Tekniku) biex ikkonkludiet li l-valur kumplessiv tal-massa ereditarja kien **€759,069.56**.

65. Fejn żbaljat l-Ewwel Qorti hu in kwantu fin-nuqqas ta’ prova li l-ammont ta’ €19,069.56 kienu flus parafernali ta’ Giuseppe Cutajar, kellha tqishom bħala li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement tikkunsidra biss nofshom għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-massa ereditarja. U għalkemm il-konvenuti fir-risposta tagħhom għamlu aċċenn għall-kwistjoni tal-komunjoni tal-akkwistjoni donnhom lanqas huma ma ndunaw li l-Ewwel Qorti fil-fatt żiedet il-flus kollha fil-massa ereditarja, għaliex ma għamlu l-ebda aggravju fl-appell inċidentali tagħhom fis-sens li għandhom jitnaqqsu nofshom.

66. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tnaqqas nofshom mill-massa ereditarja la ma hemmx aggravju f’dan is-sens.

67. <u>Fir-rigward tal-kwota ta’ nofs (½) il-massa ereditarja spettanti lill-ulied</u> (jekk dawn huma ħamsa (5) jew iktar) għandhom raġun l-atturi jħossuhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti l-ewwel naqqset mill-massa ereditarja il-kwart ¼ spettanti lill-armla <u>imbagħad</u> ħadmet in-nofs (½) spettanti lill-ulied fuq dak li fadal meta tnaqqas il-kwart (¼) . Kif tajjeb jargumentaw l-atturi, is-sehem riżervat għandu jiġi kkalkulat fuq l-assi kollha tad-*decuius*.

68. <u>L-atturi għandhom ukoll raġun in kwantu l-Ewwel Qorti ma kinitx preċiża</u> meta qalet li s-sehem riżervat favur l-atturi (flimkien) huwa ta' 1/10. Ll jidher li ġara hu li meta f'paragrafu 1.8.1 l-Ewwel Qorti spjegat (fi kliemha) x'kienet l-ewwel talba tal-atturi, ħalliet barra l-aħħar parti, fejn fir-rigward tal-kwota ta' 1/10 l-atturi kienu speċifikaw li din kienet qiegħda tintalab lil "*kull wieħed u waħda minnhom*" imbagħad it-talba laqgħetha abbażi tal-ewwel talba kif miktuba minnha. Lil <u>kull wieħed</u> mill-atturi effettivament jispetta kwint (1/5) minn nofs (1/2), ċjoè wieħed minn għaxra (1/10) tal-massa ereditarja.

69. Fid-dawl ta' dan kollu, mill-ammont ta' **€759,069.56** rappreżentanti l-massa ereditarja s-sehem riżervat spettanti lil kull wieħed u waħda mill-atturi huwa ta' **€75,906.96** (1/10 ta' €759,069.56).

- **<u>Imgħax fuq is-sehem riżervat:</u>**

> *-it-tielet (3) aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

70. Il-konvenuti jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti kkundannathom iħallsu lill-atturi l-imgħax legali ta' 8% mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali interpellatorja li fiha talbu l-ħlas tas-sehem riżervat (ċjoè 8 ta' Ġunju 2011). Isostnu li dan huwa eċċessiv u jgħidu li l-liġi ma timponix l-imgħax u lanqas ir-rata tiegħu imma tħalli l-istess fil-ġudizzju prudenzjali tal-Qorti. Isostnu li hemm diversi ċirkostanzi li jimmitigaw għall-għoti tal-imgħax jew

għal rata ta' imgħax inqas:

- il-fatt li ommhom għadha ħajja u t-tgawdija tal-wirt m'għaddietx f'idejn il-werrieta għaliex soġġetta għall-użufrutt u għalhekk ma jistgħux jiddisponi mill-proprjetà biex iħallsu l-leġittima likwidata;

- il-fatt li l-imgħax mogħti mill-bank huwa baxx ħafna;

- il-fatt li l-atturi ibbenefikaw minn oġġetti tad-*decuius* li ma tawx spjegazzjoni għalihom fil-likwidazzjoni;

- il-fatt li huma kkoperaw bl-aktar mod apert u kienu anke lesti jaslu għal ftehim.

71. L-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"615. (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139*[25] *għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> ***Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.***"

[25] **1139.** Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-**tmienja fil-mija** fis-sena.

72. L-atturi jargumentaw li l-*proviso* għas-subinċiż (2), *ossia* d-diskrezzjoni li l-leġistatur ħass li għandu jagħti lill-ġudikant sabiex jew ma jagħtix imgħax jew jagħti imgħax inqas minn 8% m'hemmx lok li tiġi eżerċitata f' dan il-każ għaliex huma bl-ebda mod ma abbużaw mill-jeddijiet tagħhom, la sostantivi u wisq anqas proċedurali.

73. Din il-Qorti tosserva li dan il-*proviso* għall-Artikolu 615(2) ġie introdott bl-Att XV tal-2012, li jġib id-data 24 ta' Lulju 2012. Għalhekk kemm meta ġiet intavolata l-kawża (fl-24 ta' Jannar 2012) u wisq anqas meta ġiet ippreżentata l-ittra interpellatorja (2 ta' Ġunju 2011) dan il-*proviso* ma kienx jifforma parti mil-liġi tagħna. Għalhekk abbażi tal-istat tad-dritt fiż-żmien tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, l-Ewwel Qorti fil-fatt ma kellhiex diskrezzjoni li tiddeċiedi li tnaqqas ir-rata ta' imgħax jew addirittura tordna li ma jitħallasx imgħax minn dak ikkontemplat fis-sub-inċiż (2).

74. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

- **<u>Spejjeż ġudizzjarji:</u>**

*-It-tielet (3) aggravju tal-atturi dwar is-sentenza tal-10 ta' April 2018*

75. L-atturi finalment jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex takkollalhom nofs l-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk ta' Rita Aquilina, li

kien biss wara li ġiet notifikata bil-kawża li rrinunzjat għall-wirt ta' missierha. Iżidu jgħidu li huma damu erba' snin mill-mewt ta' missierhom biex mexxew ġudizzjarjament għall-jedd tagħhom tas-sehem riżervat bit-tama li jaslu bonarjament, u eventwalment ma kellhomx triq oħra ħlief li jagħmlu l-kawża. Iżidu jgħidu wkoll li l-konvenuti eredi għadhom lanqas biss iddepożitaw l-ammont "żgħir" li l-Ewwel Qorti illikwidat favur tagħhom. Isostnu li din il-kawża kienet indispensabbli biex ma jitilfux id-dritt tagħhom għas-sehem riżervat spettanti lilhom.

76. Jiġi osservat li anke jekk fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi argumentaw li kellhom jieħdu €205,582.28 kull wieħed filwaqt li s-sehem riżervat ġiet likwidat fl-ammont ferm inqas ta' €56,930.21, jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti <u>laqgħet it-talbiet attriċi</u> - li tinkludi talba għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat – u <u>rrispinġiet "*ir-risposti tal-intimati*".</u> (Fil-fatt effettivament irrispinġiet ir-risposta tal-konvenuti George u Maurice Cutajar biss għaliex iktar 'l isfel laqgħet ir-risposta tal-konvenuta Rita Aquilina.)

77. Ma jistax jingħad li ma jistunax li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi iżda ordnat li kellhom iħallsu nofs l-ispejjeż. In oltre huwa risaput li l-leġittimarju m'għandux ibati l-ispejjeż għall-ħlas tas-sehem riżervat.

78. Issir referenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2001 fil-kawża

fl-ismijiet **Francis Pace v. Agnes mart Pawlu Portelli et** fejn il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Superjuri)[26] irriteniet li:

> *"Billi f'kawza ghall-legittima l-attur m'ghandux ibati ebda spejjez u dina ghandha tinghata lilu netta, l-ispejjez tal-kawza prezenti ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal nofshom mill-konvenuti kollha bhal eredi ta' missierhom u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti Agnes Portelli u Mary Jane Cordina bhala eredi ta' ommhom."*

79. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Caruana et v. Angelo Caruana et** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2017 fejn din il-Qorti tal-Appell fakkret li huwa risaput li f'kawża għall-ħlas tal-leġittima l-ispejjeż għandhom ibatuhom l-eredi:

> *"Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Apap v. Maria Rosaria sive Lucy Scicluna****, intqal illi "in kwantu illi qieghed jaghmel il-kawza biex jithallas il-legittima fuq il-wirt ta' missieru, m'ghandux ibati spejjez billi l-legittimarju kif inhu risaput m'ghandux ibati spejjez f'kawzi simili, liema spejjez ghandhom jigu sopportati unicament mill-eredi". Madankollu l-appellati ma pproponewx appell incidentali mis-sentenza appellata."*

80. Għalhekk l-ispejjeż tal-kawża għandhom ibatuhom il-konvenuti l-eredi George u Maurice Cutajar, ħlief għall-ispejjeż rigwardanti l-involviment ta' Rita Aquilina, li għandha tħallashom hi stess ladarba rrinunzjat għall-wirt wara li ġiet notifikata bil-kawża.

**<u>DECIDE:</u>**

81. Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

---

[26] Mhux appellata

(a) Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenuti;

(b) Tilqa' limitatament l-appell prinċipali tal-atturi in kwantu jirrigwarda biss:

(i) il-fatt li s-sehem riżervat tagħhom ma nħadimx fuq il-massa ereditarja sħiħa ta' Giuseppe Cutajar, iżda fuq ¾ minnha wara li l-Ewwel Qorti naqqset is-sehem riżervat ta' ¼ dovut lill-armla superstiti;

(ii) il-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li s-sehem riżervat dovut lill-atturi kien ta' $^{1}/_{10}$ flimkien u mhux lil kull wieħed u waħda minnhom;

(iii) il-fatt li l-Ewwel Qorti ordnatilhom iħallsu nofs l-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk ta' Rita Aquilina.

82. Konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha in kwantu mhux konformi mas-segwenti:

(i) Tiddikjara li s-sehem riżervat spettanti lil kull wieħed mill-atturi huwa ta' $^{1}/_{10}$ mill-massa ereditarja ta' Giuseppe Cutajar;

(ii) Tillikwida l-massa ereditarja ta' Giuseppe Cutajar fl-ammont ta'

€759,069.56;

(iii) Tiddikjara li s-sehem riżervat dovut lill-atturi huwa ta’ €75,906.96 kull wieħed u waħda minnhom;

(iv) Tordna lill-konvenuti George u Maurice Cutajar iħallsu lill-atturi tali ammonti hekk likwidati bl-imgħax ta’ 8% mit-8 ta’ Ġunju 2011;

(v) L-ispejjeż tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-konvenuti George u Maurice Cutajar, ħlief għal dawk li għandhom x’jaqsmu mal-konvenuta Rita Aquilina li għandha tħallashom hija stess;

u tikkonfermaha fil-kumplament.

83. L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-konvenuti George u Maurice Cutajar.

84. L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu $^{2}/_{5}$ mill-atturi u $^{3}/_{5}$ mill-konvenuti George u Maurice Cutajar.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da